MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 11/2006

**Recoinvest Limited**

**vs**

**Catherine Ripard**

**IL-QORTI,**

Rat l-appell tas-socjeta` Ricoinvest Limited a fol. 21;

Rat ir-risposta ta’ Catherine Ripard a fol. 27;

Rat l-atti kollha ta’ l-Appell u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**FATTI**

Illi biex tigi deciza dina l-vertenza l-Qorti trid tezamina ezattament kif graw il-fatti li taw lok ghal dana l-appell partikolari.

Mill-provi prodotti jirrizulta li kien inghata Lodo arbitrali fil 22 ta’Awissu 2005, u l-Arbitru kien cahad l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta’ Catherine Ripard kif ukoll it-talba rikonvenzjonali taghha u laqa’ it-talba ta’ Ricoinvest  Ltd u llikwida d-danni fl-ammont ta’ LM16,920. L-arbitru pero` cahad it-talba ta’ Ricoinvest li jigu applikati l-provvedimenti stipulati fl-Artikolu 7:2 tal-ftehim.

Catherine Ripard appellat minn dika d-decizjoni fil 21 ta’ Novembru 2005, u l-appell gie deciz kontra taghha fl-10 ta’ Mejju, 2006. Imbaghad saret ritrattazzjoni ta’ l-Appell liema ritrattazzjoni giet michuda fit-30 ta’ Mejju, 2007.

Fit-22 ta’ Novembru 2005, Ricoinvest Ltd. kienet avvanzat numru ta’ talbiet addizzjonali u kjarifiki lill Arbitru a tenur ta’ l-Artikolu 49 tal-Kap. 387, liema talbiet gew michuda b’digriet tas-26 ta’ Gunju, 2006. (ara fol. 9 tal-process).

Fit-18 ta’ Lulju 2006, Ricoinvest Ltd appellat mid-decizjoni ta’ l-arbitru tat 22 ta’ Awissu, 2005. (ara fol. 21) Hi qed tappella mid-decizjoni ta' l-arbitru u qed titlob li Catherine Ripard tigi kkundannata thallas id-danni kollha u li jigu applikati l-effetti ta’ l-Artikolu 7:2 tal-ftehim.

**KONTESTAZZJONI**

L-aggravvju principali tas-socjeta` appellanti Ricoinvest hu fis-sens li l-arbitru estenda l-vertenza oltre il-parametri stabbiliti mill-kontendenti fl-atti li jikkostitwixxi l-artbitragg. Huma jikkontendu illi l-Arbitru ma kkundannax lill-appellata thallas lill-appellata d-danni kollha minnhom inkorsi bhala konsegwenza ta' l-agir abbuziv ta’ l-appellata.  Huma jghidu li l-arbitru ma kellu ebda kompetenza li jestendi l-vertenza oltre dak li l-partijiet kienu stabbilew fl-atti li taw lok ghal dana l-arbitragg. Ghalhekk ma setax imur oltre dak li gie espressament invokat mill-partijiet fit-talba jew fil-kontro talba u lanqas jirreferi ghal ragunijiet ohra li setghu wasslu ghat-

terminazzjoni tal-lokazzjoni. La darba l-arbitru sab li appellata kienet agixxiet b'mod arbitrarju hu kellu jikkundannaha d-danni kollha.

It-tieni aggravvju ta' l-appellanti hu li l-Arbitru ddecieda li l-Artikolu 7:2 tal-Kuntratt ma kienx wiehed legalment validu u dana minkejja li fl-eccezzjonijiet taghha l-appellata fl-ebda mument ma kkontestat l-validita` tieghu. Ghalhekk l-appellanti jissottometti li l-klawzola 7:2 kellha tigi applikata fil-konfront ta' l-appellata.

Dwar l-appell *per se* l-appellata wiegbet li dan huwa *fuori termine* billi l-*lodo* gie pronnunzjat fit 22 ta' Awissu 2005, mentri l-appell gie prezentat fit-18 ta' Lulju 2006, hafna wara t-terminu legali impost.

Dwar il-mertu ta' l-appell, senjatament fir-rigward ta' l-ewwel aggravju l-appellata wiegbet li l-konsiderazzjonijiet li ghamel l-arbitru dwar l-ittra ufficjali datata 2 ta' Marzu 2004, ma kellhom l-ebda effett fuq kif illikwida d-danni. L-arbitru strah totalment fuq dak miftiehem mill-kontendenti fl-Artikolu 15 tal-ftehim li jghid li l-unika tip ta' danni pagabbili lis-socjeta` appellanti kienu l-ispejjez erogati ghall-benefikati. Minhabba dak li jiddisponi l-Artikolu 15, il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-arbitru dwar l-imsemmija ittra ufficjali ma kellhom ebda effett fuq id-decizjoni tieghu.

Dwar it-tieni aggravju l-appellata ssostni li fl-eccezzjonijiet taghha hija kienet ikkontestat mill bidu nett l-applikabilita` tal-klawzola 7:2 fic-cirkostanzi odjerni u li qatt ma akkwijixxiet ghat-talbiet ta' l-appellanti rigward dina r-restrizzjoni. L-Arbitru ghalhekk kien korrett meta ddecidieda li billi l-kawzola kienet wahda ta' ordni pubbliku, dina l-kwistjoni setghet anke tigi sollevata *ex officio* minnu.

**KONSIDERAZZJONJIET**

Is-socjeta` appellanti Ricoinvest Ltd qed taghmel dana l-appell ghax tippretendi li meta hija kienet avvanzat it-talbiet addizzjonali taghha lill Arbitru fit 22 ta' Novembru

2005, it-terminu ta’ l-appell taghha mid-decizjoni ta’ l-Arbitru kien gie sospiz a terminu ta’ l-Artikolu 71A(3) tal-Kap. 387. Hi tghid ukoll li dana d-dritt gie rikonoxxut lilha mill-Qorti ta’ l-Appell.

Din il-Qorti ezaminat is-sentenza imsemmija tal-Qorti ta’ l-Appell u f’dan ir-rigward dik il-Qorti qalet hekk:

*“Is-socjeta` appellata tirraguna illi in vista ta’ dawk it-talbiet (addizzjonali) taghha ma ghadx hemm decizjoni finali u allura l-appell ghandu jitqies prematur. Ma’ din il-proposizzjoni din il-Qorti ma taqbelx. Dan ghall-motiv illi fil-mument li gie intavolat l-appell id-decizjoni kienet apparentement wahda finali u s-socjeta` appellata ma kienetx ghadha introduciet it-talbiet taghha tendenti ghal decizjoni addizzjonali.*
*…..*
*Oggettivament imbaghad, minn ezami ta’ l-istess lodo, jidher li l-provvediment arbitrali jikkomprendi fih l-elementi cari tal-partijiet razzjonali u decizjorja tas-sentenza u ta’ dak l-animus decidendi ta’ l-Arbitru dwar il-kwestjonijiet sottoposti ghall-ezami u d-decizjoni tieghu.”*

L-appellanti ghamlu riferenza ghall-Artikolu 71A (1) tal-Kap. 387 li jiddisponi li rikors ma jistax isir jekk ir-rikorrent jew l-appellant ma jkunx qabel ezawrixxa - (*b*) kull mezz disponibbli taht l-Artikoli 47 (Tifsir tad-decizjoni), 48 (Tiswija tad-decizjoni) jew 49 (Decizjoni addizzjonali) u

(3) Kull talba maghmula skond l-Artikoli 47, 48 jew 49 ghandu jkollha l-effett li tinterrompi l-limiti ta’ zmien ghall-proceduri kontra decizjoni specifikata fl-Artikolu 70(4) jew l-Artikolu 70B(2). Il-perjodu ghall-proceduri stabbilit fl-artikoli msemmija ghandu jibda jsehh mid-data li fiha kull ordni maghmula skond l-Artikoli 47, 48 u 49 imsemmija jigi komunikat lill-parti.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li wara li gie deciz il-Lodo fit 22 ta’ Awissu 2005, Catherine Ripard kienet appellat minnu fil 21 ta’ Novembru 2005, waqt li t-talbiet addizzjonali tas-socjeta` Ricoinvest iddahhlu wara li kien dahal l-appell ta’ Catherine Ripard. Fil-fehma tal-Qorti la darba kien

iddahhal appell, l-arbitru ma baqax aktar kompetenti biex jiehu konjizzjoni tat-talbiet jew kjarifika addizzjonali ta' Ricoinvest Ltd billi l-materja f'dak l-istadju ghaddiet fil-kompetenza tal-Qorti ta' l-Appell. L-Artikolu 71 imsemmi ghalhekk ma kienx jissospendi t-terminu ta' l-Appell ghal Ricoinvest Ltd.

Il-Qorti ta' l-Appell kienet ittrattat u ddecidiet il-mertu ta' l-appell mill-Lodo. Ricoinvest Ltd pero` f'dak l-istadju ma appellatx mil-lodo lanqas ma ghamlet appell incidentali kif setghet taghmel u lanqas ressqet l-aggravi li hi ressqet quddiem Arbitru fit-talbiet addizzjonali taghha. Wara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ma kienx hemm aktar lok ghal kjarifiki mill-arbitru billi l-Qorti ta' l-Appell kienet iddecidiet finalment il-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet.

Id-decizjoni ta' l-arbitru li tah a bazi ta' l-Artikolu 49 tal-Kap. 387 (ara fol 9) kienet biss risposta ghall kjarifiki li ntalbu izda dawn ma jestendux it-terminu biex jappella u ma biddlu xejn mid-decizjoni. Ta' min wiehed jinnota li meta kienet saret talba minn Catherine Ripard ghas-soprasessjoni ta' l-Arbitru wara li kien inqata' l-Appell fil-10 ta' Mejju 2006 l-Arbitru b'degriet tas 26 ta' Gunju 2006 (ara fol. 12) wara li cahad it-talba ghas-soprassessjoni qal li "l-lodo arbitrali huwa fih innifsu gia` maghluq u kwindi ezegwibbli, issa li gie deciz l-Appell mill-Qorti ta' l-Appell. Ghalkemm hemm talba a tenur ta' l-Artikolu 47, 48 u 49 tal-Kap. 387 fil-fehma ta' l-arbitru ma hemm l-ebda htiega li jkun hemm soprasessjoni. It-taba biex tikkjarifika jew tikkorregi l-lodo a bazi ta' l-Artikoli 47 u 48 mhiex ser tbiddel is-sostanza tal-lodo, kwantu ghat-talba taht l-Artikolu 49 lanqas din ma kienet taghti lok ghal soprasessjoni". Ghalhekk skond l-Arbitru l-lodo fih innifsu kien gia` maghluq u xejn ma kien se jitbiddel.

Il-Qorti tirrileva ukoll li jekk jigu accettati s-sottomissjonijiet ta' Ricoinvest Ltd jigi li l-appellanti tkun tista' tappella f'dan l-istadju wara li skadilha t-terminu u wara li l-vertenza diga` giet deciza finalment mill-Qorti ta' l-Appell u dan jista jwassal ghal sitwazzjoni fejn ikollok zewg decizjoni konfliggenti mill-Qorti ta' l-Appell fuq l-istess mertu u l-appellata tkun tista' terga' tifta' l-kaz taghha ghar-raba'

darba (Lodo, Appell, Ritrattazzjoni u Appell incidentali f'dawn il-proceduri),

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi

Il-Qorti tiddeciedi

Prevja li tilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' l-appellata li dan l-appell hu *fuori termine*

Tichad l-Appell

Bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------